Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8873 — Carlyle/TA Associates/DiscoverOrg)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 144/08)

1. Fit-18 ta' April 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— The Carlyle Group ("Carlyle", l-Istati Uniti tal-Amerika),

— TA Associates L.P. ("TA Associates", l-Istati Uniti tal-Amerika),

— DiscoverOrg Holdings, LLC ("DiscoverOrg", l-Istati Uniti tal-Amerika), ikkontrollata minn AT Associates.

Carlyle u TA Associates jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' DiscoverOrg.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Carlyle huwa maniġer dinji tal-assi alternattivi, li jiġġestixxi fondi li jinvestu madwar id-dinja f'erba' dixxiplini ta' investiment: (i) Ekwità Privata Korporattiva; (ii) Assi Reali; (iii) Strateġiji tas-Suq Dinjija; u (iv) Soluzzjonijiet.

— TA Associates hija attiva fl-oqsma ta' investimenti ta' ekwità privata permezz ta' diversi fondi f'ċerti industriji, inklużi s-servizzi tan-negozju, tal-konsumatur, servizzi finanzjarji, kura tas-saħħa u teknoloġiji.

— DiscoverOrg hija fornitur ta' għodod ta' bejgħ u marketing intelligence u ta' servizzi lil kumpaniji.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8873 — Carlyle/TA Associates/DiscoverOrg

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.